MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 1258/2007

**Stephen Borg**
**-vs-**
**Denise Camilleri**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors guramentat ta' Stephen Borg li permezz tieghu jikkonferma:

<u>Dikjarazzjoni dwar l-oggett tal-kawza</u>

1. Illi l-esponent ghndu somma flus ammontati ghal Lm5,700 depozitata f'kont bankarju ma' l-HSBC Bank (Malta) plc, liema kont huwa registrat f'isem il-konvenuta;

2. Illi l-istess kont bankarju huwa registrat f'isem il-konvenuta peress illi agixxiet ta' *prestanome* ghall-esponent, u dan kif jidher mid-dikjarazzjoni han annessa

maghmula fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Cassar fl-4 ta' Lulju tas-sena 2007 (Dok. A);

3. Illi l-esponent interpella lill-konvenuta diverssi drabi sabiex tittrasferixxi l-flus li hemm f'dan il-kont lilu, fost ohrajn permezz ta' ittra nterpellatorja tat-22 ta' Novembru 2007 (Dok. B). ai termini ta' l-istess dikjarazzjoni fuq imsemmija;

<u>Raguni tat-Talba</u>

1. Illi ghalkemm hekk interpellata, l-konvenuta baqghet inadempjenti, u ghalhell kellhom isiru dawn il-proceduri. Mhux biss baqghet inadempjenti, talli sahansitra qalet lill-esponenti li awn il-flus nefqithom;

2. Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u l-istess konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjoni valida x'taghti ghat-talba attrici;

3. Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment.

<u>Talba</u>

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-esponent qieghed bil-qima jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni opportuna:

1. Tipprocedi bid-dispensa tas-smiegh skond l-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas u titrasferixxi lill-attur is-somma ta' hamest elef, u seba' mitt lira Maltin (Lm5,700).

Bl-imghax fuq is-somma ta' hamest elef, u seba' mitt lira Maltin (Lm5,700) mill-prezentata sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tat-22 ta' Novembru 2007, u l-mandat ta' inibizzjoni maghmul

kontestwalment, kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tal-21 ta’ Jannar, 2008 ;
Rat li l-kawza giet differita diversi drabi ghall probabbli transazzjoni izda l-intimata ma waslitx ;
Rat li l-intimata baqghet kontumaci ;
Semghet lir-rikorrenti bil-gurament ;

**Tiddeciedi**

Billi tilqa t-talbiet tar-rikorrenti ;
U tikkundanna lill-intimata thallas u titrasferixxi lir-rikorrent is-somma ta’ hamest elef, u seba mitt Liri Maltin (Lm5,700) ossija Euro 13,227.43 ;
Bl-ispejjez kontra l-intimata u
Bl-imghax legali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------